**Kunsill Lokali Zejtun**
**'Dar iz-Zwieten'**, 28, Triq Sant' Anglu, Zejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 01/12 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 18/01/2012 fis-7.00pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iz-Zwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anglu, Zejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Prezenti |
| | | Vici Sindku Joan Agius | Prezenti |
| | | Camilleri Claude | Prezenti |
| | | Darmanin Richard | Skuzat minhabba xoghol |
| | | Fenech Stephanie | Skuzata |
| | | Hales Joseph | Prezenti |
| | | Pace Darrell | Skuzat minhabba xoghol |
| | | Seychell Anthony | Prezenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Skuzata minhabba mard |

**Prezenti wkoll** Segretarju Ezekuttiv Anton Falzon
Assistant Principal Caroline Schembri

**01. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suggett** | **Kummenti / Decizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Minuti 12/11 inqraw u gew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.** | |

01. 1. 2 **Wara l-minuti gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.**

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suggett** | **Kummenti / Decizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 1 | 12.2.1 | Sindku: Power Station | Is-Sindku spjega li dahlu rapporti li l-extension tal-power station qed tithaddem bid-diesel u mhux bil-heavu fuel oil izda xorta wahda qed iddahhan. Insaqsu lir-rapprezentant taghna fuq il-monitoring committee. | |
| 01. 2. 2 | 12.2.6 | Sindku: Rapport | Il-Kunsill ma accettax it-tnaqqis ta' Eur10,000 mill-allokazzjoni tal-Gvern Centrali minhabba n-nuqqas ta' prezentazzjoni tad-dokumenti finanzjarji fil-hin. Dan ghaliex mhux minnu. Fil-21 ta' Frar 2011 is-Segretarju ha personalment l-accounts l-NAO. F'Marzu beda l-Audit fejn kien hemm mistoqsijiet li bdew jgu ndirizzati. F'Mejju l-Audit kien ghadu mhux lest izda dan tlesta fil-31 ta' Awwissu. Ghaldaqstant qed issir kontestazzjoni mad-DLG dwar dan il-kaz. Id-Dipartiment talab statement minghand l-Awdituri dwar dan fejn iddikjaraw li f'Lulju kienu lesti izda min-naha taghna ghandna emails li juri li fl-24 ta'Awwissu l-Awdituri kienu ghadhom qed jistaqsu mistoqsijiet koncernati ma' l-Audit.<br><br>L-NAO ircevejw l-Audited accounts f'Awwissu filwaqt li l-Kunsill ircevihom f'Settembru. Minn laqgha li saret dan l-ahhar ghas-Segretarji Ezekuttivi hareg li 52 Kunsill Lokali prezentaw l-accounts taghhom fil-hin u 18 il-Kunsill Lokali ma wegbux il-management letter. | Sindku<br>Segretarju Ezekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 3 | 12.2.8 | Seychell: Postcard Filatelika | Seychell informa lill-Kunsill li bhalissa ghaddej xoghol sabiex tinhareg postcard filatelika f'gheluq l-ghaxar snin mit-twaqqif tal-Grupp tal-Filatelija. | Seychell |
| 01. 2. 4 | 12.2.9 | Vici-Sindku: Tfal Jadottaw Anzjan | Il-Vici-Sindku rrapurtat li l-progett pilota Tfal Jadottaw Anzjan kienet success u l-media tat importanza ghal dan il-progett. It-tfal ser ikomplu dan il-progett u hu mistenni li tfal godda jippartecipaw. Kien hemm proposta mis-Segretarju Parlamentari Mario Galex biex dan il-progett ghandu jigi adottat f'lokalitajiet ohra. | Vici-Sindku |
| 01. 2. 5 | 12.3.2 | Sindku: Protest - Hanut tal-loghob f'Misrah Indipendenza | Il-MEPA infurmaw lill-Kunsill li l-korrispondenza intbaghtet bl-email u kif ukoll twahhlet fin-notice board li l-MEPA ghandha fit-terminus tal-lokalita'. Il-Kunsill baghat il-protest li rcieva lill-MEPA u rcieva acknowledgment. | Sindku |
| 01. 2. 6 | 12.4.2.i | Vici-Sindku: Kont ta' Christmas Tree | Il-Kunsill ircieva rendikont minghand John Abela dwar Christmas tree u ghalhekk il-Kunsill qabel li dan il-kont jista jithallas. | |
| 01. 2. 7 | 12.6.1 | Sindku: Photovoltaic Panels | Is-Sindku spjega li l-installazzjoni tal-pannelli tlestiet. Il-kuntrattur ser imur personalment bil-karti l-MRRA sabiex b'hekk issir l-ahhar xoghol mill-Enemalta. | Sindku |
| 01. 2. 8 | 12.7.1 | Hales: Artijiet Mitluqa | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li r-rapport ta' artijiet mitluqa madwar il-lokalita' intbaghat lill-DLG. | Hales |
| 01. 2. 9 | 12.7.4 | Hales: Tabelli - Koptasin | Hales talab li issir laqgha mal-Koperattiva Koptasin sabiex isiru tabelli orajn godda u jigi negozjat prezz. Is-Sindku rraporta li dan | |
| 01. 2. 10 | 12.7.7 | Seychell: Kuncert tal-Milied | Seychell irraporta li l-Kuncert tal-Milied kien tajjeb hafna u b'partecipazzjoni gholja. Ghal din is-sena sar kuntatt mal-kor Collegium Musicum taht id-direzzjoni ta' Profs Dione Buhagiar fejn inghatajna 3 kwotazzjonijiet: a capellala Eur1,600, chamber orchestra & choir Eur u full orchesta Eur2,500. Il-Kunsill ma setax jospita dan il-kor peress li ma jiflahxghal din l-ispiza. Sar kuntatt mal-kor ta' Santa Monika li huwa komposta minn 80 perunsa u bhalissa qed nistennew kwotazzjoni. Is-Sindku talab sabiex il-kor ikun versatili u jaghti pjacir lill-udjenza. | Seychell |
| 01. 2. 11 | 12.7.9 | Seychell: Patching | Seychell irraporta lill-Kunsill li l-patching fi Triq il-Qalb ta' Gesu' ma sarx. | Sindku |
| 01. 2. 12 | 12.7.10iv | Vici-Sindku: Weekend Break | Il-Vici-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-weekend break ta' bejn l-10 u 12 ta' Frar ser isir gewwa Baystreet Hotel. | Vici-Sindku |
| 01. 2. 13 | 12.7.13 | Vici-Sindku: Dipartiment ta' l-Edukazzjoni | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li rcieva acknowledgment dwar ir-registrazzjoni li saret mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar il-korsijiet li jigu organizzati mill-Kunsill Lokali sabiex jiddahhlu fil-kurrikulum tat-tfal bhala attivitajiet extra kurrikulari. | Vici-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 14 | 12.7.14 | Vici-Sindku: Boroz hodor | Il-Vici-Sindku nfurmat lill-Kunsill li bhalissa qed jitqassmu l-borz il-hodor ghal gbir ta' skart reciklabbli. Min-naha l-ohra tpoggew recycle bins hdejn ic-cimiterju sabiex jibda jigi separat l-iskart tac-cimiterju: il-fjuri u x-xemgha. Din is-separazzjoni ser tibda ssir b'kollaborazzjoni ta' Dar Nazzarett. | Vici-Sindku |
| 01. 2. 15 | 12.7.15 | Sindku: Laqgha | Is-Sindku informa lill-Kunsill li fid-19 ta' Jannar ser jigi l-ex Ass Kumm Josie Brincat fejn ser izur postijiet li gew diskussi f'laqgha precedenti bhal: zebra crossings ta' St. Catherine Pharmacy, Triq A. Cachia Zammit bejn Triq l-Isqof Zahra ghal Triq Salvu Cacciattolo u Triq il-Labour, il-bus shelter ta' hdejn Dar ta' l-Anzjani, ir-reserved parking ta' Misrah G. Bonici u Sqaq Nikol Attard. | Sindku<br>Vici-Sindku<br>Darmanin<br>Segretarjat |

**01. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rcieva kif inkluza fir-rendikont ML01/12. B'riferenza ghal:

| Riferenza | Rif | Minghand / Suggett | Kummenti / Decizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 3. 1 | 14 | DLG: Skema dwar Accessibilta | Is-Sindku spjega li bhallissa qed isir xoghol ta' tindif fi Gnien San Girgor biswit ic-Child Day Care Centre. Il-livelli jistghu isir l-gimgha d-diehla. | Sindku |
| 01. 3. 2 | 18 | TM: Reserved parking f'Misrah G Bonici | Kif diga' intqal ghada ser issir spezzjoni ma' l-Asst Kumm Josie Brincat dwar il-kaz tar-reserved parking f'Misrah Girgor Bonici. | Sindku<br>Vici-Sindku<br>Darmanin |
| 01. 3. 3 | 22 | DLG: Toroq Skema PPP | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser isiru 7 toroq ohra taht l-iskema PPP batch B. Dawn huma: Triq Palazzi, Misrah Kanonku de Domenico, Triq M'Xlokk/Triq Santu Kristu, Triq Ta' Tavlin, Triq Taltas, Triq Guzeppi Caruana u Misrah M A Vassalli. | Sindku |
| 01. 3. 4 | | Ghaqda Muzikali Beland: Attivita' Mejju 2012 | Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni sabiex l-attivita' li ser tigi organizzata mill-Ghaqda Muzikali Beland tinbeda gurnata qabel. Ghaldaqstant l-attivita' issa ser tkun bejn it-12 u l-20 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jkun hemm hlas skond kif stipulat fil-ligi li tirregola l-attivitajiet fil-berah. Izda Ghaqdiet Kulturali/Sportivi Zwieten ghandhom jigu ezentati sakemm jirrikonoxxu fil-pubblicita' li l-attivita' qed issir bl-ghajnuna u l-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali. | |

**01. 4. Hlasijiet**

| Riferenza | Rif | Ming]and / Suggett | Kummenti / Decizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 4. 1 | | Tabella tal-Hlasijiet 01/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li j]allas g]as-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rapprezentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 01/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-hlas tal-kontijiet l-ohra skond kif jidher fit-tabella tal-hlasijiet 01/12 bil-verifiki mehtiega kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 01. 4. 2 i | | **Il-Kunsill approva wkoll il-kont ta' l-ekonomista Joe Zammit ghal survey ta' sostenibbilta' li jammonta ghal Eur800 kif ukoll il-kont ta' Joanne Mifsud (Fgura) u ta' Mary Gatt (Gzira) ta' Eur200 -il wiehed dwar l-istess survey.** | | |
| 01. 4. 2 ii | | Il-Kunsill innota wkoll il-kont nru 89 irid jaqra 47kgs zebbug u mhux 140kgs. | | |
| 01. 4. 3 | | Talbiet g]al Xiri 01/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet ghal xiri ta' xoghlijiet, oggetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 01. 4. 4 | | Petty Cash - Dicembru 2011 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Dicembru 2011 hekk kif prezentata, li kien jammonta ghal €184.75.** | Segretarjat |

**01. 5. Mizura 313**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suggett** | **Kummenti / Decizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 5. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li beda xoghol ta' l-ilma fi Triq Strejnu. Seychell irrimarka dwar is-sinjali tat-traffiku. Ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jirraporta lil TM li ghandu jaghmel indikazzjoni li t-triq taghlaq sabiex il-karozzi ma jibqghux dehlin fil-kantunieri Xrobb l-Ghagin. Triq Strejnu, Triq il-Bajja ta' San Tumas/Triq ir-Ramla u Triq ir-Ramla/Triq Wied iz-Ziju. | |

**01. 6. Progett PPP**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suggett** | **Kummenti / Decizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 6. 1 | 12.2.4 | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bhalissa inbeda xoghol fuq l-ilma u l-bankini fi Triq il-Helsien wara li tlestew Triq Bisqallin u Triq Lvant. | |
| 01. 6. 2 | | | Ser jibda wkoll ix-xoghol ta' thammil tal-hamrija u twaqqigh tal-kmamar fl-ghalqa ta' Misrah Indipendenza. | |

**01. 7. Performance Bonus ta' l-Impjegati**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suggett** | **Kummenti / Decizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 7. 1 | | | **Il-Kunsill approva nem.con il-performance bonus ta' l-impjegati kollha tal-Kunsill inkluz dak tas-Segretarju Ezekuttiv.** Dawn ghandhom jiehdu l-full percentage. Il-Kunsill irrimarka li ghandha tinghata attenzjoni lill-attivitajiet li jsiru minn zmien ghal zmien u m'ghandux jittiehed leave f'dan iz-zmien. Is-Sindku spjega wkoll li l-haddiema manwali ma jistghux jibqghux jiehdu l-leave kollu f'Dicembru kollha f'daqqa. Dan ghaliex il-Kunsill ma jistax jibqa bla nies. | |
| 01. 7. 2 | | | **Il-Kunsill approva wkoll l-iskrivan Godwin Muscat li ghalaqlu l-probation period.** | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 7. 3 | | | **Il-Kunsill approva wkoll extra bonus ta' Eur240 lill-impjegata Joanne Muscat ghax-xoghol extra li ghamlet waqt il-maternity leave ta' l-impjegata Caroline Schembri.** | |

**01. 8.** **Accessibilta' - Child Day Care Centre**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suggett** | **Kummenti / Decizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 8. 1 | | Vici-Sindku: Tirraporta | Il-Vici-Sindku infurmat lill-Kunsill li rnexxiela tibda u trawwem kuntatti ma' persuna awstraljana ta' dixxendenza Zejtunija li ser taghmel ghotja ta' Eur25,000 biex jinxtara apparat u l-ghamara kollha mehtiega ghac-CDCC. Il-prezentazzjoni ser issir fis-7 ta' Frar 2012. Din il-persuna ser taghmel ghotjiet ohra fil-komunita' Zejtunija. | Vici-Sindku |
| 01. 8. 2 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rrapporta li ic-Child Day Care Centre u Gnien San Girgor ser ikunu accessibbli wkoll mid-dhul fejn il-Klabb tal-Bocci. | Sindku |

**01. 9.** **Triq President Anton Buttigieg**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suggett** | **Kummenti / Decizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 9. 1 | | Sindku: Jirrapporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-TM irrapurtaw li ser jirrangaw Triq PAB u jibghatu l-kont lill-Kunsill. Dan peress li t-TM qed tghid li l-Kunsill Lokali m'ghamilx il-manutenzjoni necessarja. Min-naha tieghu l-Kunsill qed jinsisti li t-triq ghalqet hamsa u ghoxrin sena, jidher car li hemm fejn cediet u partijiet li jibqghu mgharrqa kull meta jfur il-gibjun li hemm f'nofs it-triq. Ser nitolbu l-perit biex jaghmel rapport tekniku dwar l-istat ta' din it-triq. Barra minn hekk il-Kunsill ghadu jinsisti li din hija triq distributorja u mhux semplici triq residenzjali. | |

**01. 10.** **Affarijiet Ohra jekk meqjusa**

| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suggett** | **Kummenti / Decizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 10. 1 | | Segretarjat: Attendenza tal-Kunsilliera | Is-Segretarjat gibed l-attenzjoni li l-kunsilliera ghandhom jaghtu raguni f'kaz ta' assenza ghal-laqghat tal-Kunsill. Dwar dan ingibdet l-attenzjoni fil-management letter peress li l-allowance li qed tinghata lill-Kunsilliera qed tkun marbuta ma' l-attendenza tal-laqghat tal-Kunsill. | |
| 01. 10. 2 | | Seychell: Triq Duluri | Seychell gibed l-attenzjoni dwar karozzi pparkjati fuq il-bankina ta' Triq id-Duluri. Dan qed isir minhabba d-distribuzzjoni tac-cekkijiet tas-sigurta' socjali mill-Maltapost. | |
| 01. 10. 3 | | Camilleri: Sqaq Nikol Attard | Camilleri talab lill-Kunsill jikkunsidra li Sqaq Nikol Attard isir pedestrianised jew issir bollard. Is-Sindku spjega li ser issir spezzjoni mill-Asst Kumm Josie Brincat u jinghata parir dwar x'l-ahjar li jsir. | |
| 01. 10. 4 | | Camilleri: Road Markings | Camilleri gibed l-attenzjoni li ma sarux il-parking bays fi Triq san Guzepp. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01. | 10. 5 | Hales: WIFI Gnien Zghozija | Il-Kunsill qabel mal-mozzjoni ta' Hales sabiex isir il-Wifi fi Gnien iz-Zghozija u ghaldaqstant ser issir talba l-MCA. |
| 01. | 10. 6 | Hales: Zbir ta' sigar fi Vjal 25 ta' Novembru | Il-Kunsill qabel li jgib kwotazzjoni ghaz-zbir ta' sigar fi Vjal 25 ta' Novembru. |
| 01. | 10. 7 | Hales: Tindif ta' toroq mhux urbani | Il-Kunsill qabel li jikkunsidra iktar 'l quddiem it-tindif ta' toroq rurali kif indikat mill-Kunsillier Hales darba fix-xahar minflok kull 3 xhur. |
| 01. | 10. 8 | Segretarjat: Rapport Finanzjarju - 4 kwart | Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju ghar-raba kwart tas-sena finanzjarja 2011 (Settembru - Dicembru). Inghatat spjegazzjoni dettaljata tad-dhul u l-infieq ta' dan il-kwart. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u ghalhekk is-Sindku u s-Segretarju ffirmaw ir-rapport. |

Is-Sindku ghalaq il-laqgha fl-10.00pm. Laqgha ohra ser issir nhar il-Hamis, 9 ta' Frar, 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-ufficcji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Ezekuttiv